# Il-Mibgħut

Kliem ta' P. Alexander Vella O.Carm.  Fuq il-mużika ta' Symbolum '77 ta' Pierangelo Sequeri, 1978

```
Em              C      D          Em
Inti t-triq u l-ħajja, Inti l-verità
Em            C  D             G
Inti li tmexxini lejn il-libertà.
C          D      G            Em
Inti li għażiltni biex nimxi warajk
C            D              B7           Em
U nitgħallem minnek nagħmel dak li Alla jrid;
C              D    G             Em
Ridt li tibqa' fija u jien nibqa' fik
C             D         Em
Ħalli nġorrok dejjem ġo fija.
```

Inti kont li għażiltni, mhux għażiltek jien,
Ħtartni biex tibgħatni nxandrek kullimkien.
Fuq il-pala ta' idejk, ismi int naqqaxt,
Wgħedtni illi waħdi Inti ma tħallini qatt.
Kemm-il darba għejjejt u ħrabt, Int ma tlaqtni qatt
U bqajt dejjem tiġri warajja.

Ħeġġeġ Int lil qalbi bħal ħuġġieġa nar
Biex intir bil-ħeffa mas-sinjal ta' jdejk
Meta nkun quddiemek b' ħarsti mwaħħla fik,
Lest biex nisma' kelmtek u bil-qalb immur naqdik
Nixhed quddiem ħuti l' Inti Alla ħaj
Ħliefek allat oħra ma hemmx.

Naddaf int lil fommi, qegħdli kliemek fih
Ħalli mmur inxandar dak li tgħidli int.
Fit-tfixkil li jiena nsib, kun għalija sur,
Ħudni u kenninni int għas-satra ta' ġwenħajk
U jekk naqta' qalbi quddiem it-taħbit
Tini l-qawwa int li nżomm sħiħ.

Meta d-dgħajsa tiegħi jitla' għaliha l-mewġ
W inti tibqa' rieqed bla ma tagħmel xejn
Agħmel illi nibqa' nemmen fik bis-sħiħ
Għaliex inti r-ragħaj it-tajjeb i fid-dlam ukoll
Tissokta tmexxini bil-qawwa ta' jdejk
Jekk tkun ħdejja, jien ma nibżax.

Naf li jiena ċkejken u ma niswa xejn
Imma int setgħani, tagħmel ħwejjeġ kbar
U biċ-ċokon tiegħi, jekk nerħih f' idejk,
Inti s-Saltna tkompli tifrex fi qlub il-bnedmin
Jiena l-qaddej tiegħek,
Naħdem biss għalik.
Ħa jsir minni dejjem skont kelmtek.

Em C D G B7

